L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 7 ta' Novembru, 2003

**Koma politika**

Dan il-pajjiz ghaddej minn koma politika. Ghandna Gvern li bhal gisem ta' bniedem imqabbad ma' makna tal-hajja qieghed jipprova jtawwal l-ezistenza tieghu permezz taghha u li kieku ma kinitx hi kien litteralment imut. Huwa kontinwament dan il-hsieb li ghaddieli minn rasi dawn l-ahhar ftit jiem meta smajt l-ahbarijiet u jista' jkun li l-budget li jmiss se jkun dik li bil-Malti nsejhulha l-lafja tal-mewt. Dak l-ahhar sinjal kbir ta' (taparsi) hajja li l-gisem jaghti qabel ma jmut ghal kollox.

Ghandna litteralment Gvern li qisu gisem imqabbad ma' makna mekkanika li qieghda thaddimlu l-organi individwali ta' gismu – id-dipartimenti tal-Gvern – u li kieku ma kinux jahdmu dawn l-erbgha organi u li kieku l-ilma u n-nutrienti ma jidhlux fil-gisem bl-iktar modi artificjali, kieku l-gisem wahdu jkun per definizzjoni mejjet.

Suggett ikrah li qbadt illum. Izda meta nara l-ekonomija Maltija sejra lura lura, nara l-impjiegi jonqsu, kumpaniji jitilqu u kwalunkwe tip ta' sostenn ta' l-ekonomija li jisfa fix-xejn bil-Gvern bla ebda kontroll fuq dak li qieghed jigri madwaru, mohhi bilfors imur hemmhekk. Il-Gvern Nazzjonalista waqqa' lill-pajjiz f'koma politika. Il-pajjiz huwa pparalizzat.

F'daghdigha kbira l-Gvern wasal fl-ahhar (alavolja l-Gvern Nazzjonalista difficli tkun tista' tghid meta jasal fl-ahhar ghax min ikun wiccu tost jibqa' jissorprendik sa l-ahhar) u l-ahhar daghdigha tieghu zgur li se tkun li jattakka l-istess nies tieghu u jisloh minn fuq darhom stess il-flus li ghandu bzonn.

M'hemm l-ebda progett li verament qieghed jippompja l-hajja f'dan il-Gvern hlief l-ahhar tama tieghu – makna wahda li ilu johlom biha – l-Unjoni Ewropea.

Mentri l-ekonomija qieghda tikkollassa minn gewwa ghax issa l-Gvern se jixxotta mhux biss l-investimenti kollha, mhux biss l-istess negozjanti li sostnewh izda wkoll lill-povru poplu li aktar ma jmur qieghed ihallas taxi u fl-istess hin jistenna inqas beneficcji socjali – l-unika tama li se jibqaghlu l-poplu Malti se tkun verament wahda – l-Unjoni Ewropea.

L-Oppozizzjoni qieghda taghmel dmirha – sa fejn tista'. Izda fid-demokrazija taghna l-Gvern dejjem kien dittatur.

U ghalhekk nemmen li se jasal zmien meta se tkun l-istess Unjoni Ewropea li se ttqaccat il-hajja ta' dan l-istess Gvern billi titfilu l-istess makna tal-hajja wahdanija li minn l-ahhar elezzjoni zammitu taparsi haj.

L-UE, jekk hemm almenu ftit dell ta' serjetà, se tinduna, bhalma se jinduna l-poplu Malti, li kwalunkwe informazzjoni li nghatat dwar l-ekonomija ta' dan il-pajjiz kienet skorretta jew ghall-inqas il-verzjoni msebbha tas-sitwazzjoni ekonomika taghna.

Bhala Unjoni u Kummissjoni Ewropea digà qieghda twiddeb lill-pajjizi applikanti li wasal u ghadda digà z-zmien biex jaderixxu ma' l-obbligi li poggitilhom fuqhom. Bl-ekonomija Maltija f'koma totali

hemm bzonn li jitla' Gvern gdid li jaghti l-hajja lill-gisem mejjet ta' dan il-pajjiz. U jista' jkun li huwa prematur li nghidu hekk.
Izda l-Gvern prezenti qieghed jaghti sinjali cara pjuttost ta' Gvern li wasal fl-ahhar iktar milli ta' Gvern li tela' fil-poter madwar biss sitt xhur ilu.

Il-koma hija l-linja bejn hajja u l-mewt. Il-hajja tfisser attività, energija, ideat godda, generazzjoni ta' ekonomija, hajja ahjar lic-cittadini kollha.

Il-mewt fil-politika tfisser nuqqas ta' attività, nuqqas ta' energija, nuqqas ta' ideat godda jew ikkupjar ta' ideat ta' haddiehor li mhux bil-fors jghoddu ghall-ekonomija tieghek, tfisser ukoll li tuza dak li jaghtik haddiehor u ma tohrog b'xejn gdid li hu verament tieghek, korruzzjoni, tbazwir, irqajja', ingongu minn hemm u ngongu minn hawn, li nippruvaw nidhru li sejrin tajjeb u m'ahniex, li nhallu l-fabbriki jaghlqu bla ebda kontroll u nharsu lejn kollox jigri quddiem ghajnejna u li l-unika soluzzjoni li noffru li flok ma naghtu s-servizzi socjali lic-cittadin nehdulu flusu permezz tat-taxxa.

Il-mewt fil-politika, fi kliem iehor, tfisser li partit politiku qieghed fil-Gvern ghalxejn ghax la ghandu kontroll u lanqas soluzzjonijiet.

Tfisser ukoll li nofs il-poter li seta' kellek qabel ittehidlek u l-politika tieghek issir biss li tobdi dak li jghidlek haddiehor, li tinjora l-principji tieghek biex taqla' dik ix-xi haga zejda bhal fil-kaz tal-vapuri tal-gwerra gewwa pajjizna.

Dan se jkun l-ewwel prezz li se nhallsu bi shubija shiha fl-Unjoni Ewropea. Mhux ghax l-Unjoni Ewropea nterrompiet ic-ciklu ta' Gvern gdid wara Gvern gdid gewwa pajjizna.

Sforz tad-decizjoni dwar l-Unjoni l-poplu tella' fil-poter Gvern mejjet u xorta wahda ppospona l-progress ta' dan il-pajjiz b'hames snin.